DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Diċembru 2009

li tistabbilixxi l-bilanċ finali li għandu jitħallas jew li għandu jkun irkuprat minħabba l-għeluq tal-programm fil-qasam tal-programmi ta' żvilupp rurali tranżizzjonali ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) mir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovenja

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 10032)

(It-testi biċ-Ċek, bl-Ungeriż u bis-Sloven biss huma awtentiċi)

(2009/984/UE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 27/2004 tal-5 ta' Jannar 2004 li jwaqqaf ir-regoli ddettaljati għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-iffinanzjar mit-Taqsima tal-Garanziji tal-FAEGG tal-miżuri tal-iżvilupp rurali fir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 32(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1257/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 47(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat għall-Fondi Agrikoli,

Billi:

(1) Fuq il-bażi tal-kontijiet annwali mressqin mir-Repubblika Ċeka, mill-Ungerija u mis-Slovenja dwar in-nefqa fil-qasam tal-mizuri tal-iżvilupp, flimkien mal-informazzjoni meħtieġa, il-kontijiet tal-aġenziji ta' pagament imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni [4], kienu approvati għas-snin finanzjari 2005 [5], 2006 [6] 2007 [7] u 2008 [8]. Id-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni rispettivi ġew adottati.

(2) L-aġenziji ta' pagament responsabbli mill-programmi ta' żvilupp rurali tranżizzjonali għall-2004-2006 tar-Repubblika Ċeka, tal-Ungerija u tas-Slovenja ressqu d-deċiżjoni finali tan-nefqa u t-talba għall-pagament finali qabel il-15 ta' Ottubru 2008; għalhekk, id-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni ta' kontijiet imsemmija japprovaw in-nefqa sħiħa tal-programm.

(3) L-Artikolu 32(3) tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jistipula li l-pagamenti totali kkombinati li jsiru fir-rigward tal-programm, qabel il-pagament tal-bilanċ finali, ma għandhomx ikunu aktar minn 95 % tal-impenn tal-komunità għall-programm.

(4) Rigward in-nefqa għall-iżvilupp rurali koperta mill-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) Nru 27/2004, il-bilanċ finali li għandu jkun imħallas jew li għandu jkun irkuprat, se jkun ikkalkulat fuq il-bażi tal-aħħar deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-kontijiet u fuq informazzjoni supplimentari provduta mir-Repubblika Ċeka, mill-Ungerija u mis-Slovenja skont il-premessa 5 li tidher hawn taħt.

(5) Fid-dawl tal-għeluq tal-programmi ta' Żvilupp Rurali Tranżizzjonali, l-Istati Membri kkonċernati kienu mitluba jipprovdu informazzjoni dwar id-debiti pendenti tal-programmi. Id-dejta dwar id-debiti kienet ivverifikata u kkunsidrata mill-Kummissjoni meta ġie kkalkulat il-bilanċ finali.

(6) Minħabba l-fatt li l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, l-Polonja u s-Slovakkja ma ressqux dikjarazzjoni finali tan-nefqa jew talba għal pagament finali qabel il-15 ta' Ottubru 2008, se jkun propost l-għeluq ta' programmi rispettivi f'Deċiżjoni futura.

(7) Skont l-Artikolu 30(2) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għal deċiżjonijiet meħuda sussegwentement mill-Kummissjoni ħlief min-nefqa tal-finanzjament tal-Komunità li ma tiġix affettwata skont ir-regoli Komunitarji,

[1] ĠU L 5, 9.1.2004, p. 36.
[2] ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1.
[3] ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80.
[4] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
[5] ĠU L 118, 3.5.2006, p. 20 u ĠU L 122, 11.5.2007, p. 47.
[6] ĠU L 122, 11.5.2007, p. 41.
[7] ĠU L 139, 29.5.2008, p. 25.
[8] ĠU L 111, 5.5.2009, p. 35.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-ammont tal-bilanċ finali li jista' jkun irkuprat minn jew li hu pagabbli lil kull Stat Membru skont din id-Deċiżjoni fil-qasam ta' miżuri ta' żvilupp rurali applikabbli fir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovenja, huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

Rigward il-kontijiet tal-aġenziji ta' pagament tal-Istati Membri fil-qasam tal-iżvilupp rurali applikabbli fl-Estonja, f'Ċipru, fil-Latvja, fil-Litwanja, f'Malta, fil-Polonja u fis-Slovakkja, l-għeluq tal-programm ta' Żvilupp Rurali Tranżizzjonali għandu jkun suġġett għal Deċiżjoni futura.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Ungerija u r-Repubblika tas-Slovenja.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Programmi ta' Żvilupp Rurali Tranżizzjonali: Nefqa ddikjarata 2000/06, bilanċ finali u diżimpenn tal-kofinanzjar tal-UE

(EUR)

Stati Membri ġodda:		**CZ**	**HU**	**SI**
	Nefqa ddikjarata 2004/08			
A	Ammont totali impenjat għall-programm	542 800 000,00	602 300 000,00	281 600 000,00
B	Nefqa eliġibbli mġarrba mill-Istati Membri sal-15.10.2008	542 799 982,00	602 096 646,00	282 041 275,00
C	Nefqa annwali approvata			
	2004			
	2005	145 160 224,00	37 272 434,19	73 638 853,19
	2006	176 481 317,23	296 024 258,77	118 941 385,27
	2007	188 407 840,07	178 498 827,76	88 853 612,73
	2008	32 399 539,50	90 290 537,46	607 424,53
	Nefqa totali approvata 2004/08	542 448 920,80	602 086 058,18	282 041 275,72
	Bilanċ finali u diżimpenn tal-kofinanzjar tal-UE (sitwazzjoni fl-għeluq)			
D	Nefqa totali eliġibbli (l-inqas: B jew C)	542 448 920,80	602 086 058,18	282 041 275,00
E	Tnaqqas: Irregolaritajiet irkuprati mill-Istati Membri li għandhom jitnaqqsu mill-bilanċ finali	249 112,34	1 352 932,08	2 438 683,32
F	Nefqa totali eliġibbli li għandha tkun rimburżata (D-E)	542 199 808,46	600 733 126,10	279 602 591,68
G	Tnaqqas: Pagamenti bil-quddiem imħallsa	86 848 000,00	96 368 000,00	45 056 000,00
H	Tnaqqas: INT diġà mħallsa	428 812 000,00	475 817 000,00	222 464 000,00
I	Pagament jew Irkupru tal-bilanċ finali nett (F-G-H)	26 539 808,46	28 548 126,10	12 082 591,68